**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 450/16 AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Ottubru 1997 (**Dok A**) u matul dan iz-zwieg kellhom zewg tfal, cioe Miguel Agius u Matthias Agius li t-tnejn ghadhom minorenni.

Illi l-partijiet huma separati legalment b' kuntratt datat 10 ta' Awissu 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Ruben Casingena (**Dok B**).

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom iktar minn hames (5) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi r-rikorrent jikkonferma li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut fir-rigward tat-tfal minuri filwaqt li ma hemm ebda manteniment dovut lil xulxin ai termini tal-klawsola 14 (a) fejn il-partijiet iddikjaraw li ddekadew mid-dritt li jitolbu/jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi l-fatti kollha fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien prefiss ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Ottubru 2016;

Semghet lill-intimata bil-gurament taghha tiddikjara li ma kellha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova

illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Awissu 2011 u ilhom ghal aktar minn hames snin de facto mifrudin minn xulxin;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.